**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta’ Mejju, 2018

Rikors Nru : 87/18AL

**AB**

***-vs-***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti iżżewġu nhar id-9 ta’ Mejju tas-sena 1982;
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg it-tfal li llum huma t-tnejn maggorenni.
3. Illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta’ kuntratt ppubblikat min-Nutar Dottor Reuben Debono u dan fit-12 ta’ Novembru tas-sena 2008 u dan skont ma jirrizulta mill-anness kuntratt immarkat bhala Dok. A.

4. Illi l-manteniment hemm stipulat dejjem u qieghed jithallas regolarment;

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.

6. Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw ir-rekwiziti tal- artikolu 66B, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab, l-intimata tghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. TIPPRONUNZJA l-ħall ta' żwieġ civili ta' bejn il-partijiet;
2. TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien xahar javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66 A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' malta u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Marzu, 2018;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Semghet lid-difensur tal-intimata tiddikjara li l-intimata ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Novembru 2008;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.